MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 1213/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ibrahim El Shimi mwieled gewwa Egittu nhar il-11 ta’ Mejju, 1961 iben Mohammed u Fethija nee` Moustafa, residenti gewwa No. 22, Jofgal Crt A, Flt 6, Triq il-Mazzola, SPB u detnetur tal-karta tal-identita` bin-numru 43596M.

Talli;

Nhar il- 15 ta’ Novembru 2013, ghall-habta ta’ 08:10am gewwa Triq l-Erba` Mwiezeb, San Pawl il-Bahar:

1) Volontorjament ikkommetta hsara li tammonta ghal 448.49Euro fuq il-vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni HMY 211, a detriment ta’ Martin Degabriele ta’ Oasis Tours,
2) Ikkaguna lil Nigel David Lidbetter jibza’ illi ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu,
3) Qabad hadida kontra Nigel David Lidbetter,
4) Bi kliem insulenta lil Nigel David Lidbetter,
5) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 251B, 339(1)(b), 339(1)(e), 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------